**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Is-Seduta l-Gimgha, 9 ta' Marzu 2018.**

**Avviz numru:- 10/2017 JVC**

**Borg Aluminium Ltd**

**Vs**

**Marco u Anna konjugi Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz datat 18 ta' Dicembru 2017 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li jhalsu l-ammont bilancjali ta' sebat elef, tliet mija u tnejn u hamsin ewro (€7352) rapprezentanti f'xoghol ta' aluminium rez lill-intimati fuq inkarigu taghhom stess, liema ammont l-intimati qed jirrifjutaw illi jhalsu.

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-ittra interpellatorja spedita f'Lulju tal-elfejn u sbatax (2017) u dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Ottubru 2017.

Bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Marco u Anna Attard fejn esponew:

1. Illi fl-ewwel lok, huma m'humiex il-legittimi kontradittturi fir-rigward tal-ammont pretiz fl-intier tieghu ghaliex parti minnha hija dovuta minn socjeta' kummercjali u parti ohra minn terz illi ghandhom jigu kjamati in kawza.
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu illi huma qatt irrifjutaw illi jhalsu l-ammont pretiz imma nfurmaw lis-socjeta' attrici illi kellhom bzonn ftit xhur ohra sabiex iwettqu dan il-hlas. Ghaldaqstant, it-talba attrici hija ntempestiva u l-ispjjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati lill-istess socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata llum stess li permezz taghha ammettew it-talba b'dan illi s-sentenza ma tigix ezegwita qabel l-1 ta' Jannar 2019.

Rat li fil-verbal tal-lum stess Dr Andrew Sciortino ghas-socjeta' attrici ddikjara li s-sentenza m'ghandhiex tigi esegwita qabel l-1 ta' Jannar 2019.

Stante l-ammissjoni tal-konvenuti t-talba attrici hija sufficentement pruvata.

Decizjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont bilancjali ta' sebat elef, tliet mija u tnejn u hamsin ewro (€7352) rapprezentanti f'xoghol ta' aluminium rez lill-intimati fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenuti.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur